# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 300/25/GG**

**fl-ismijiet:**

**Victoria Vella (I.D 0591256M)**

**vs.**

**Ian Pace (I.D 0036471M) u Herbert Pace (I.D 0119577M)**

Illum, 17 ta' Marzu, 2025

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Victoria Vella f'isimha ippreżentat quddiem din il-Qorti fl-20 ta Frar, 2025 li bih talbet il-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni sabiex izomm lill-intimati milli "jitrasferixxu jew jikkoncedu kwalunkwe dritt jew titolu reali jew personali fuq, jew b'kull mod iehor jghabbu bi kwalunkwe piz u/jew jitrasferixxu jew jikkoncedu taht kwalunkwe titolu kwalsiasi dritt reali u/jew personali fuq, il-proprjeta' konsistenti (a) fid-dar 113 u 115, Triq it-Tarzna, Paola, proprjeta' ta' Ian Pace, u (b) l-artijiet mill-hdax-il filata 'l fuq, tal-kejl ta' sbatax punt wiehed sitta metri kwadri

(17.16mk) kull wahda, sovvrapposti ghall-garazzijiet internament immarkati erbgha (4) u hamsa (5), rispettivament tali garazzijiet ta' Daniel Fava u anthony Magro, accessibbli minn drive-in privat bla numru u bla isem fi Triq Felic Abela, Zejtun, liema garaxxijiet huma murija fuq pjanta annessa ma' att tan-Nutar Pierre Cassar tas-sbatax ta' Gunju elf disa mija wiehed u disghin (17/6/1991), imissu mit-Tramuntana u min-nNofsinhar ma' beni ta' Anthony Camilleri u ta' anthony Magro, mill-Punent ma' l-imsemmija drive-in (proprjeta' ta' Herbert Pace)";

Rat d-digriet taghha tal-istess jum li bih laqghet it-talba provvizorjament, ordnat in-notifika b'sebghat (7) ijiem zmien ghar-risposta u appuntat ir-rikors ghat-trattazzjoni ghall-4 ta' Marzu, 2025 fis-siegha u nofs pm;

Rat ir-risposta tal-intimati minnhomipprezentata fir-Registru tal-Qorti fis-26 ta' Frar, 2025;

Rat illi l-intimati taw ruhom b'notifikat bl-appuntament tas-smiegh u bl-atti fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2025;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2023;

Ikkunsidrat:

**Il-fatti:**

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontati jirrigwardaw dejn fis-somma ta' €286,129.12 allegatament dovut lir-rikorrenti minn missier l-intimati liema dejn r-rikorrenti tghid li hu frott ta' serq u'jew misappropriazzjoni akkumulat fi zmien meta r-rikorrenti kienet tikkoabita ma' missier l-intimati;

**Il-Ligi u r-rimedju mfittex:**

2. Dak li r-rikorrenti qeghdin jitolbu bil-procedura intentata huwa regolat bl-artikolu 874(1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi li mandat ta' din ix-xorta ghandu l-ghan li "*jzomm lid-debitur milli jbigh, jitrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjeta' li tigi indikata fir-rikors b'titoluoneruz jew gratuwitu jew b'xi mmod johloq piz jew derittijiet reali u, jew personali*". Dan il-mandat hu miftuh ghall-"*kreditur biex jizgura dejn, jew kull pretensjoni ohra li tkun tammonta ghall-mhux anqas minnhdax-il elf sitt mija u sitta u erbghineuro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86).* Fil-kaz in disamina l-intimati qablu li d-digriet provvizorju fuq msemmi ghandu jkun konfermat minkejja li qieghdin jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti. Ifisser dan illi l-Qorti mghandheix ghalfejn tinoltra f'ezami tar-rekwiziti li jehtieg ikunu sodisfatti sabiex ikun konfermat dan il-mandat b'mod finali jew li jkun revokat id-digriet provizzorju;

3. Illi id-dikjarazzjoni appena msemmija hija ukoll riflessa fir-risposta tal-intimati tas-26 ta' Frar, 2025 fejn qablu li l-mandat

ghandu jibqa' *in vigore*, u dan bir-rizerva hemm imsemmija ghall-proceduri ta' revoka ta' mandat ta' sekwestru;

**Decide:**

4. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi b'mod definittiv dawn il-proceduri billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimati u konsegwentement qed tikkonferma d-digriet provizzorju taghha tal-20 ta' Marzu, 2025.

5. L-ispejjez huma rizervati ghall-gudizzju finali.

Onor. Dr. Giovanni M Grixti
Imħallef

Nicole Cini
Deputat Registratur